MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2004

Numru 1745/2004

Il-Pulizija
(spettur Stephen Gatt)

vs

Marvin Vella

Illum 09 ta' Settembru 2004

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija fil-konfront tal-akkuzat u dan talli fit-8 ta' Settembru 2004 ghal habta tat-3.00 pm gewwa l-Gzira:

1. Bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' Matthew Camilleri mill-Gzira, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara 'air pistol' fid-direzzjoni ta' Matthew Camilleri u

laqtu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.
2. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Matthew Camilleri mill-Gzira hekk kif iccertifika Dr Buhagiar MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.
3. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu 'air pistol', munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu.
4. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi zamm u garr 'air pistol' u munizzjon minghajr ma kellu licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija.
5. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi spara l-istess 'air pistol' f'post pubbliku.
6. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel delitt kontra l-persuna meta kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.
7. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Matthew Camilleri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tigi konfiskata l-air pistol involuta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-fedina penali tal-akkuzat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess parti lesa Matthew Camilleri.

Issib lill-akkuzat hati talli fit-8 ta'Settembru 2004 ghal habta tat-3.00 pm gewwa il-Gzira:

1. Bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' Matthew Camilleri mill-Gzira, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara 'air pistol' fid-direzzjoni ta' Matthew Camilleri u

laqtu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.
2. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Matthew Camilleri mill-Gzira hekk kif iccertifika Dr Buhagiar MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.
3. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu 'air pistol' u munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu.
4. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi zamm u garr 'air pistol' u munizzjon minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
5. Fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi spara l-istess 'air pistol' f'post pubbliku.
6. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel delitt kontra l-persuna meta kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.
7. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Mathew Camilleri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat l-artikoli 41 (1) (a), 214, 216, 217, 221 (1) (d), 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 (1) (1A), 19 u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li rat il-fedina penali tal-akkuzat, l-istqarrija tal-istess akkuzat, ic-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni, id-dikjarazzjoni tal-parti lesa kif ukoll il-fatt l-akkuzat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu f'dan l-istadju tal-proceduri u wara li rat ukoll l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 66, thoss li ghandha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospiza ghal sentejn millum, b'dan li l-akkuzat ma jikkommettix reat iehor suggett ghal prigunerija fl-istess perjodu ta' sentejn.

In oltre il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma Beretta u munizzjon esebiti llum stess mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat il-konsegwenza ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------